**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 24/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**Vs**

**Isak Ali Adan**

**Illum 13 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Isak Ali Adan ta' sebgħa u għoxrin (27) sena, iben Ali u Hawo, imwieled is-Somalia nhar l-1 ta' April 1995, mingħajr residenza fissa ġewwa daw il-Gżejjer, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 100684A, talli nhar il-31 ta' Diċembru 2022, waqt li kien jinsab fil-Venda tal-Linja, Belt Valletta, u f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' ġiżirana tad-deheb isfar għad-dannu ta' Senthilkumar Rajarathinam, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261, 267 u 270 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u cioè ġiżirana tad-deheb isfar u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Kif ukoll talli għex ħajja ta' għazz u vagabundaġġ u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(w) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tqis li Isak Ali Adan irrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, b'sentenzi mogħtija mill-

Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lil Isak Ali Adan għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "KP" sa' Dok. "KP3" a fol. 8 sa' 17 tal-proċess;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1], liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Semgħet ix-xhieda ta' Vignesh Moovendran[2] u Michael Arputha Titus Manoharan[3] mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2023, semgħet ix-xhieda ta' Senthilkumar Rajarathinam mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Jannar 2023[4] u tal-31 ta' Jannar 2023[5] u rat ir-ritratt esebit minu markat Dok. "RS" a fol. 36 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC626 Giancarlo Benetti mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2023[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JCB" u Dok. "JCB1" a fol. 42 sa' 48 tal-proċess;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

## Ikkunsidrat:

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar il-31 ta' Diċembru 2022, waqt li kien jinsab fil-Venda tal-Linja, Belt Valletta, u f'dawn il-Gżejjer: (1) Ikkommetta serq ta' ġiżirana tad-deheb isfar għad-dannu ta' Senthilkumar Rajarathinam, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261, 267 u 270 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) U aktar talli xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u cioè ġiżirana tad-deheb isfar u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) Kif ukoll talli għex ħajja ta' għazz u vagabundaġġ u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(w) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni tilob sabiex il-Qorti tqis li l-imputat irrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

---

[1] Fol. 50 tal-proċess.
[2] Fol. 22 u 23 tal-proċess.
[3] Fol. 28 sa' 30 tal-proċess.
[4] Fol. 24 sa' 27 tal-proċess.
[5] Fol. 33 sa' 35 tal-proċess.
[6] Fol. 37 sa' 41 tal-proċess.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat hekk ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati dedotti fil-konfront ta' l-imputat u li ġew minnu ammessi u l-fedina penali tiegħu, iżda ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija kjarament alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat in kwantu alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d), 49, 50, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(b), 280(1), 289 u 338(w) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, bl-addebitu tar-reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-karattur ta' l-imputat, is-sorveljanza ta' l-istess imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 24 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat iħallas lil Senthilkumar Rajarathinam is-somma ta' €2,500 rappreżentanti l-valur tal-ġiżirana minnu misruqa. Dan il-ħlas għandu jsir fuq medda ta' ħamsa u għoxrin (25) xahar permezz ta' pagamenti mensili konsekuttivi ta' mitt euro (€100) il-wieħed, sal-pagament tas-somma intitera ta' €2,500. L-ewwel pagament isir dovut fl-14 ta' Ġunju 2023, ossia fi żmien erba' (4) xhur mid-data ta' din is-sentenza, u kull pagament sussegwenti sal-ħlas intier tas-somma ta' €2,500 isir fil-erbatax il-ġurnata ta' kull xahar sussegwenti u konsekuttiv.

Kemm-il darba l-imputat ma jħallasx rata waħda mill-ħlas hawn impost fuqu, is-somma ta' €2,500 jew kwalunkwe bilanċ rimanenti minnha, jsir dovut fl-intier tiegħu b'effett immedjat.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza u l-Ordni ta' Probation li jifforma parti integrali minnha jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet għall-Ħruġ ta' Ordni ta' Probation anness magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**